**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 337/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs.**

**Abdul Aziz Tarhuni**

Il Qorti:

Rat li tressaq Lill- Abdul Aziz Tarhuni, ta' 33 sena, iben Mustafa Abdul Aziz Tarhuni u Josephine nee' Carabott, mwieled Pieta' nhar 25/06/1985 u residenti Kim Crt Flt 2 Triq il- Misk, Fgura u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 331085M

Billi inti akkużat talli nhar it-23 ta' Dicembru 2018 , għal ħabta tal- 18:45 hrs., u 19:00 hrs fil-fond Kim Crt., Flat 2, Triq il- Misk, fil- Fgura , f'Malta

mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Jason Genovese, ġrieħi ta' natura gravi, jew iġiblu disordni f'moħħu kif iċċertifikat Dr. Angel Galdes Reg. No. 3823 mill- Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikli 214,215, 216, tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta` tal-imsemmija Jason Genovese u minn issa tapplika l-proveddimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa. F'każ ta' ħtija l-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Jason Genovese u ai termini tal-Artikolu 383 et. seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2020[1], ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Wara li rat li l- Avukat Generali mibghuta nhar it-8 ta' Lulju 2022 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jigu aggudikati minn din il-Qorti u jinstabu hatja u cioe[2]:

a. Fl-artikoli 214, 215, 216 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 214, 215 u 221 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikolu 214, 215 u 221 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Folio 24 ta' l-atti processwali
[2] Folio 166-167 ta' l-atti processwali

e. Fl-artikoli 17, 31 u 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta datata 10 ta' Novembru 2022, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u ddecidiet li tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-10 ta' Novembru 2022.[4]

Rat illi l-imputat xehed b'mod volontarju u li d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-24 ta' Jannar 2023.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, kif ukoll ix-xhieda ta' l-imputat li nghatat b'mod volontarju, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2023[6].

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

[3] Folio 121 ta' l-atti processwali
[4] Folio 121 ta' l-atti processwali
[5] Folio 172 ta' l-atti processwali
[6] Folio 177-179 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar it-23 ta' Ducembru 2018 meta gie rraportat li l-imputat kien involut fi glieda gewwa aparament il-Fgura bil-konsegwenza li l-imputat imbuttah lil certu Jason Genovese u ikkagunalu griehi gravi.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2020 xehed bil-gurament l-Ispettur **Hubert Cini** li pprezenta l-okkorenza bin-numru tar-referenza NPS 3/E/4722/2018[7], l-istqarrija ta' l-imputat[8]. Ix-xhud informa l-Qorti li dak in-nhar ta' l-incident marru fuq il-post fejn kienet sehhet glieda gewwa Kim Court, Flat 2, Triq in-Nies, Fgura fejn instab Jason Genovese u l-imputat kif ukoll zewg persuni ohra. Irrizulta li Jason Genovese kien xurban u fis-sakkra u beda jiggieled ma kulhadd u jkisser. Meta gara hekk l-imputat u Genovese gew fl-idejn u f'hin minnhom tah daqqa. Meta wasslu l-pulizija Genovese kien isteriku u fil-presenza tal-pulizija anke prova ihebb ghal persuni l-ohra li kienu prezenti. Wara li hadu lil Genovese ic-centru tas-sahha gewwa Rahal Gdid irrizulta li kien qed issofri minn griehi gravi. Irrizulta li l-persuni l-ohra prezenti soffrew

[7] Dok HC1, Folio 28-32 ta' l-atti processwali
[8] Folio 9-11 ta' l-atti processwali

griehi minn ghand Genovese ukoll. Ix-xhudipprezenta wkoll ukoll il-fedina penali ta' l-imputat,[9] certifikati medici[10] u d-dettalji ta' l-imputat.[11]

Fl-istess seduta xehed bil-gurament **Omar Schembri[12]** li spejga li l-imputat jigi z-ziju tieghu. Ix-xhud jikkonferma li kien prezenti waqt l-incident u kien hemm prezenti ommu, Jason Genovese u l-imputat fil-kcina. Ra lil Genovese ikun aggessiv u bdew jippruvaw jikkalmawh biex ma jwegga lil hadd. Ix-xhud insista li l-imputat kien biss qed jipprova jikkalmah tul dan kollu u li ma rahx jimbutta lil Genovese jew ra li kien hemm xi kuntatt.

Fl-udjenza ta' l-10 ta' Marzu 2020 xehedet bil-gurament **it-tabiba Dr. Angel Galdes[13]** li ikkonfermat ic-certifikat mediku mahrug minnha a favur Jason Genovese fejn icertifikat li kellu griehi gravi minhabba li sofra ksur fuq ghadma wara l-ghajn.

Fl-istess udjenza xehdu **PC 1216 Svetlick Stellini[14], PS 175 Antonello Magri[15]** u **PS 1396 Sergio Farruguia[16]**li attendew fuq il-post fejn kien hemm komossjoni u raw lil l-allegat vittma mid-demm ma ghajnejh ix-xellugija u fi stat ta' sakra tant li ma kienx qed jirraguna u kien aggessiv u kellhom juzaw il-manetti fuqu stante li ma rridx jikoopera maghhom. L-allegat vittma infurmahom li d-daqqa kien tahielu l-imputat.

Fl-udjenza tal-25 ta' Gunju 2020 xehdu bil-gurament **PC9 Aaron Cini[17], PC 722 Charles Vella[18]** u **PC 1011 Bradon Desira[19].** Ix-xhieda spjegaw li meta marru fuq il-post kien hemm argument ghaddej u sabu lil Jason Genovese bid-demm

[9] Dok HC7, Folio 39 ta' l-atti processwali
[10] Dok HC4-5, Folio 36-37 ta' l-atti processwali
[11] Dok HC6, Folio 38 ta' l-atti processwali
[12] Folio 43-50 ta' l-atti processwali
[13] Folio 55-56 ta' l-atti processwali
[14] Folio 57-59 ta' l-atti processwali
[15] Folio 63-67 ta' l-atti processwali
[16] Folio 60-62 ta' l-atti processwali
[17] Folio 78-79 ta' l-atti processwali
[18] Folio 80-81 ta' l-atti processwali
[19] Folio 82-83 ta' l-atti processwali

ma wiccu u fi stat ta' sakra. Meta l-allegat vittma ra lil pulizija beda joffendihom, jobzqilhom u jehodha kontrihom u kellhom juzaw il-forza biex jikkontrollawh stante li ma rridx jikkoopera.

Fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 2019 xehed bil-gurament it-tabib **Dr. Mario Scerri**[20] li kien gie mahtur sabiex jirrelata dwar il-griehi sofferi minn Jason Genovese skond it-digriet tal-Qorti.[21] Ix-xhud spejga li l-griehi huma ta' natura gravi per durata u ghalkemm permanenti m'hemmx dizabilita' jew nuqqas ta' funzjoni.

Fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2021 xehed bil-gurament **Jason Genovese**[22] li spjega li kien johrog ma oht l-imputat. Dak in-nhar ha pirmli sabiex jiehu kura ghal dipressjoni li kellu u nesa u xorob fuqhom u gie hazin. Ma ftakar xejn mill-incident minhabba li kien fi stat hazin u lanqas ma ftakar x'gara mal-pulizija u li jiftakkar biss li spicca l-isptar.

Fl-udjenza tat-28 ta' April 2022 xehed bil-gurament **Iad Zbeida**[23] li ikkonferma li Jason Genovese kien johrog maz-zija tieghu li kienet prezenti dakinhar. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar Genovese kien fis-sakra u beda ikun aggressiv tant li gew il-pulizija sabiex jikkontrollawh. Mil-bqija ma ftakarx iktar dettalji.

Fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2023 xehed bil-gurament **l-imputat Tarhuni Abdul Aziz**[24] li dakinnhar kienu gewwa flimkien jitkellmu u jixorbu u f'daqqa wahda Jason Genovese sar aggressiv u beda jiggieled maghhom ghal ebda raguni. Illi sforz ta' dan l-agir kien hemm bzonn li jigu l-pulizija sabiex jikkontrollawh.

[20] Folio 105-108 ta' l-atti processwali
[21] Folio 76 ta' l-atti processwali
[22] Folio 139a-139c ta' l-atti processwali
[23] Folio 157-160 ta' l-atti processwali
[24] Folio 173-176 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

Illi fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2020 deher l-allegat vittma Jason Genovese li ghazezl li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruhu in vista tal-fatt li hemm proceduri kontrih relatati ma dan il-kaz.[25] Ghazel ukoll li jirrinunzja ghall-kwerela li huwa gia ghamel u ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat safejn tali azzjoni hija rinunzjabbli stante li kien qed jahfer lill-imputat.[26] Madankollu aktar il-quddiem kien ghazel li jaghti x-xhieda tieghu.

Fl-istess udjenza dehret ix-xhud Nanett Schembri li informat il-Qorti li xtaqet ma tixhidx in vista tal-fatt li hi tigi oht l-imputat.[27] Minn naha taghha l-prosekuzzjoni ma insistietx fuq ix-xhieda taghha stante li jigu qrib minn xulxin.

**Ikkunsidrat**

**Principji Legali**

Illi l-imputat huwa principalment imressaq tali ikkaguna griehi gravi fuq Kurt Amato bi ksur ta' l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali.

Illi kif gie ritenut fl-kazistika nostrana u skond il-**Professur Anthony Mamo** dan ir-reat issehh jekk jirrizulta mankamanet jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz.

Fil-kaz **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**[28] gie ritenut

*"B'mankament...fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament 'cioe peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entità della alterazione stessa, o per l'espressione d'assjeme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale,*

[25] Folio 50a-51 ta' l-atti processwali
[26] Folio 19 ta' l-atti processwali
[27] Folio 40-42 ta' l-atti processwali
[28] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), Imhallef Vincent DeGaetano; Deciza 12 ta' Settembru 1996

*Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regoiarità tal-wicc, fl-armonija tal-linearnenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tai-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din ilhsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija v. Emily Zarb App. Krim. 15/2/58, Koliezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta il-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici neccessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm sempici skolorament tal-gilda. Anke skolorament talgilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entità tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah ilhsara fil-gergo mediku Jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."*

Illi dan il-punt huwa enfaziat mill-awtur legali Antolisei li stqarr li mankament jew l-isfregu ghandu ikun *"visible stando di fronte alla persona."* u li kien ikkonfermat fil-kaz **Il-Pulizija vs Emily Zarb**[29] fejn il-Qorti kkonfermat l-istess hsieb u stqarret li l-isfregju kkontemplat fl-artikolu 216(1)(b) jista jkun anke temporanju u li din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik *"li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma xulxin."*

Illi dan is-sentiment jinstab ukoll fil-kaz **Il-Pulizija vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf**[30] fejn il-ghamlet referenza wkoll ghal awtur legali Manzini fejn gie ritenut:

*"peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entita` della alterazione stessa, o per l'esp ressione d'assieme del volto".*

[29] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), Deciza 15 ta' Frar 1958; Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248
[30] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor Imhallef David Scicluna; Appell Kriminali Numru 484/2011; Deciza t-23 ta' Jannar 2013

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Reno Azzopardi**[31] ppreseduta mill-istess Qorti gie ritenut:

*Effettivament il-ligi taghna stess taghmel distinzjoni bejn sfregju li fil-prattika jissejjah "semplici" (artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u sfregju "gravi u permanenti" (artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). U kif intqal fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Frar 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Fortunato Sultana: "Skond din id-disposizzjoni [l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali] l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghallfinijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' -isfregju hi rilevanti biss meta, abbinata mal-gravita`, taghti lok ghal hekk imsejha 'offiza gravissima' skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali." Issa, sfregju hija "kull hsara li tista' ssir "fir-regolarita` talwicc, fl-armonija tal-lineament tal-wicc u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc"*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[32] kien ritenut:

*L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex 5 mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi u permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfregju jew le hija kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. Lappellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli*

---

[31] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor Imhallef David Scicluna; Appell Kriminali Numru 308/2010; Deciza t-2 ta' Marzu 2011

[32] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza it-12 ta' Settembru 1996

*l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammontaw ghall-offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Luke Sciberras**[33] gie ritenut li:

*"Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan irreat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss flezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a) jew 218. Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza thalli mankament jew sfregju, f'dan ilkaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. Fi kliem iehor, fil-kodici penali taghna, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Fortunato Sultana tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma 6 tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghalesposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia fejn oltre s-sentenza citata saret referenza ghal-diversi sentenzi ohra fosthom dik Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich tat-2 ta' Settembru 1999."*

Illi skond l-awturi **Archbold 2021**[34]

---

[33] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Appell Numru 219/2016; Onor. Imhallef Giovanni Grixti; Deciza t-28 ta' Mejju 2018

[34] Archobold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2021

*"Grievous bodily harm" should be given its ordinary and natural meaning of really serious bodily harm, and it is undesirable to attempt any further definition of it:* ***DPP v Smith* [1961] A.C. 290, HL *; Cunningham* [1982] A.C. 566, HL *; Brown (A.)* [1994] 1 A.C. 212, HL .** *It is not necessary that the harm should be either permanent or dangerous: Ashman (1858) 1 F. & F. 88. Nor is it a precondition that the victim should require treatment or that the harm would have lasting consequences; in assessing whether particular harm was "grievous", account has to be taken of the effect of the harm on the particular individual:* **Bollom [2003] EWCA Crim 2846; [2004] 2 Cr. App. R. 6** *. Bodily harm includes psychiatric injury:* ***Ireland; Burstow* [1998] A.C. 147, HL** *; but not psychological injury:* ***Dhaliwal* [2006] EWCA Crim 1139; [2006] 2 Cr. App. R. 24** *. "*[35]

L-istess awturi jghidu wkoll:

*It was formerly accepted that "causing" was wider than "inflicting" and that where the allegation was of causing grievous bodily harm, the issue was a straightforward one of causation: did the injury result from the act of the accused? The distinction has, however, been reduced to vanishing point by the decision of the House of Lords in* ***Ireland; Burstow*** **,** *above, to the effect that, whilst "causing" and "inflicting" are not exactly synonymous, grievous bodily harm could be "inflicted" without an assault and without the direct or indirect application of force to the victim's person (psychiatric injury caused by persistent harassment).*[36]

**Ikkunsidrat**

**L-istqarrija ta' l-imputat**

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[37] ta' l-imputat ittiehdet nhar il-24 ta' Dicembru 2018 u cioe l-ghadha ta' l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Hal-Luqa, fl-ufficju ta' l-Ispettur Hubert Cini fil-prezenza tas Surgent PS 175 A

[35] Ibid 19-258, Folio 2293
[36] Ibid 19-260, Folio 2293-2294
[37] Dok HC3, Folios 33-35 ta' l-atti processwali

Magri u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.[38]

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, iddikjara li irrinunzjaw milli jezercita dan id-dritt.[39]

Illi fl-istqarrija ta' l-imputat, l-imputat Abdul Aziz Tarhuni ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu kif ukoll li wiegeb ghad-domandi li sarulu.

Illi mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta li l-imputat kien prezenti fl-apartament gewwa l-Fgura dak in-nhar ta' l-incident u li kien hemm prezenti Jason Genovese, Omar Schembri, Iad Zbeida u ohru Nemat Schembri u zewg it-tfal. Illi Genovese kien fis-sakra u sar aggressiv ghal xejn u hebb ghal oht l-imputat, qabadha min wiccha u gidmilha wiccha. Genovese beda jisfida l-imputat meta dan prova jikkalmah u beda jimbuttah u jipprova jaghmel ghan-nies ohra prezenti. Il-glieda u l-aggressjoni ta' Genovese kompliet u ghamel ghal l-imputat kif ukoll ghal ohtu. L-imputat jispjega li ghamlu minn kollox sabiex jikkalmaw u iwaqqfu lil Genovese mill-agir tieghu u fl-ahhar irenexxilhom jikkontrollawh bizejjed sabiex ohtu tinheles minn mieghu u gew il-pulizija.

L-imputat jispjega li ta daqqa ta' ponn lil Genovese waqt dan l-agir sabiex jikkalmah u iwaqqfu minn dak kollu li kien qed jaghmel lil ohtu li kienet l-gharusa tieghu.

[38] Dok HC2, Folio 33 ta' l-atti processwali
[39] Folio 13 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

Illi mil-provi li tressqu mil-prosekuzzjoni jirrizulta li dakinhar ta' l-incident l-imputat u l-allegat vittma kienu flimkien gewwa residenza. Irrizulta li l-allegat vittma kien qed jixrob waqt li kien qed jiehu pirmli u affettwah b'mod hazin. Ir-rizultat ta dan kien li kellhom jigu l-pulizija li ma setghux jikkontrollawh lanqas u sahansitra kellhom juzaw il-manetti u l-forza. Waqt Genovese kien f'dan is-stat kien sar aggressiv u beda serjament iwegga, jigdem u ihebb ghal kull minn kien prezenti. L-imputat minn naha tieghu intervjena sabiex jikkalma lill Genovese u iwaqqfu mill-agir tieghu u bhala konsegwenza imbuttah u sofra griehi f'ghajnejn. Illi hadd mix-xhieda prezenti ma jindika li kien l-imputat stess li imbutta lill-Genovese u l-allegat vittma stess jghid li lanqas jiftakar xejn. Mill-istqarrija ta' l-imputat, l-imputat spejga li hu ma instiga ebda glieda ma Genovese u waqt dan l-agir aggressiv tieghu kien qed jipprova jaghti ghajnuna lill ohtu li kienet qed tigi attakata u migduma minnu.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjonijiet kollha imressqa kontra l-imputat u li taghhom ghandu jigi liberat.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u cioe fl-artikoli 214, 215, 216, 221, 383, 384, 385, 386, 412C, 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lil Abdul Aziz Tarhuni **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena dwarhom.

**Moghtija illum nhar is-7 ta' Marzu 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**